MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 67

[Nhar il-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ralph Mangion– Viċi Sindku
Joseph Galea – Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

67.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ftit qabel il-laqgħa l-Viċi Sindku bagħat messaġġ biex jgħid illi mhux se jkun jista jattendi. Il-kunsilliera Graziella Attard Previ wkoll bagħtet emajl biex tgħid illi mhix se tattendi peress illi għanda lecture l-universita.
Is-Segretarju Eżekuttiv ta update rigward il-kunsillier Joe Galea li qed jirkupra minn operazzjoni oħra. Il-kunsilliera bagħtu l-isbaħ xewqat lis-sur Galea għal fejqan malajr.

## 67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

67.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta update rigward ix-xogħolijiet ta' Gżira road, fejn issa l-kuntrattur qed jaħdem fuq il-bankijiet qabel ma jagħti wiċċ ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv żied illi l-Infrastruttura Malta għandom jibagħtu kuntrattur fuq il-post biex jaraw x'problemi hemm vis-a-vis il-culverts.

67.2.2 Il-Minuti ġew approvati u ffirmati.

## 67.3 Korrespondenza mas-Sindku

67.3.1 Il-Kunsill iddiskuta proposta biex ikun hemm triq imsemmija wara l-ex Sindku Albert Rizzo. Wara diskussjoni l-kunsillier Wayne Hewitt ippropona li nibdlu l-isem ta' triq San Ġorġ. Il-kunsillier Neville Chetcuti ssekonda l-proposta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna nibagħtu lill-istreet naming committee li għandom gwidi fejn huwa diffiċli biex tinbiddel l-isem ta' triq eżiztenti.

67.3.2 Tables and Chairs '2 triq Stuart': Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-applikant se jappella d-deċiżjoni wara li l-Planning irrifjutaw l-applikazzjoni.

67.3.3 Premju Zagħzagħ: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-kriterji għan-nominazzjonijiet. Il-kunsillier Jeremy Cardona se jkun qed jieħu ħsieb.

67.3.4 Disability Week: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi imma inizjattiva wkoll biex tingħata premju f'isem Disability Week.

67.3.5 Bankijiet ix-Xatt: Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra mingħand resident li għamel talba biex inħallu l-bankijiet illi hemm ix-Xatt. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi konna diġa ħriġna t-tender izda l-Kunsill ma kienx qabel fuq ir-rebbiegħ tat-tender. Peress illi se ssir il-proġett minn naħa tal-MTA max-Xatt, xogħolijiet fuq il-bankijiet għandom isiru wara.

67.3.6 Il-Kunsill qabel illi jiltaqaw ma Dr. Joe Sammut illi għamel talba biex jiltaqa mall-kunsilliera bħala parti mill-kampanja tiegħu għall-elezzjonijiet tal-MEP 2019.

67.3.7 Permess biex ibiegħ proddotti fil-ġnien: Il-Kunsill m'approvax talba biex wieħed jibda ibiegħ ġugarelli fil-ġnien tal-Kunsill

## 67.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

67.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija mill-kunsillieri qabel il-laqgħa.

## 67.5 Rapporti

67.5.1 **Bank Guarantees**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta talbiet, u ritratti, għar-rilaxx ta'garanzija fuq il-bankina:

Triq Edgar Bernard: Il-kunsilliera qablu li tiġi rilaxxata l-garanziji.

67.5.2 **Universal Children's Day CfQ:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna 2 stimi. L-irħas wieħed kien ta' €5750 [VAT exc.] waqt it-tieni wieħed qabez it-threshold ta' €10,000. Is-Sindku ppropona li naħdmu bl-irħas wieħed. Il-Kunsill qabel.

67.5.3 **Leave**: Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni t-talba tiegħu biex jagħmel użu għal-leave li akkumula matul is-sena għas-sena d-dieħla. Is-Sindku ppropona li t-talba tiġi milqugħa. Il-kunsillier Waye Hewitt issekondah.

67.5.4 **Skeda l-ġdida tal-iskart**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda l-ġdida fejn matul il-ġimgħa l-iskart se tinġabar fis-7pm u 12pm nhar ta' Sibt.

Nhar it-Tnejn: Skart organiku/borza s-sewda
Nhar it-Tlieta: Skart riċekabbli
Nhar l-Erbgħa: Skart organiku
Nhar il-Ħamis: Borza s-sewda
Nhar il-Ġimgħa: Skart organiku/bskart riċekabbli
Nhar is-Sibt: Borza s-sewda.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li wara diversi laqgħat, WasteServ aċċettaw illi l-kuntrattur jidħol fil-pjanta ta' Sant'Antnin sal-10.30pm. Biex ilaħħaq il-kuntrattur għandu bzonn jaħdem b'izjed trakkijiet. La l-kuntrattur m'għandux bizzejjed trakkijiet hemm bzonn insibu sub-contractor. La hemm bzonn inħallsu l-prezz tas-sub-contractor se nkunu qegħdin naħdmu kontra l-kuntratt u għalhekk se jikkonferma kif għandna naħdmu mad-Dipartiment biex naħdmu skond il-liġi. Fl-istess ħin żied illi la l-kuntrattur għandu jmur sa Marsaskala u mhux sal-Magħtab, għandna bzonn nħallsu ammont extra għad-diesel indexation biex nagħmlu tajjeb għall0ispejjez extra tiegħu.

67.5.5 Go to Car Sharing: Is-Sindku qal illi l-kumpanija għamlu talba biex juzaw ċerti postijiet ta' parkeġġ fil-lokalita fejn se jkun hemm charging stations. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien bagħat l-emajl tal-kumpanija, kif ukoll tal-AKL, lill-kunsilliera izda ħadd ma bagħat risposta. Meta ġew tal-kumpanija s-Sindku qal illi spjega l-problema tal-parking u għamel talba biex jieħdu postijiet ġewwa Manoel Island u l-Marina. Minħabba l-proġetti li se jsiru f'dawn il-postijiet, Transport Malta kienu rrifjutaw din it-talba.
Is-Sindku kompla jgħid illi avolja qed jiddejjaq li se jieħdu izjed postijiet ta' parkeġġ, qal illi hija inizjattiva tajba jekk jagħtu prezzijiet tajbin. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi n-nies qegħdin igorru minħabba li tneħħew postijiet ta' parkeġġ. Is-Sindku qal illi jifhem illi se jkun hemm

oġġezzjonijiet izda din hija inizjattiva nazzjonali u l-ebda kunsillier ma oġġezzjona meta intbagħtet il-korrespondenza. Żied illi waqt il-laqgħa oġġezzjonajna li jsiru izjed minn dawk illi se jsiru.

67.5.6 Quarter 2: Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni ir-rapport ta' Q2. Il-kunsilliera approvaw id-dokument.

67.5.7 Quarter 3: Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni ir-rapport ta' Q3. Il-kunsilliera approvaw id-dokument.

67.5.8 Uffiċini: Is-Sindku qal illi stieden lis-sur Fabian Borg biex jiġi jispjega x-xogħolijiet li hemm bzonn għar-renovazzjoni tal-Kunsill Lokali.

Is-sur Fabian Borg daħħal fil-kamra fis-7.25pm

Is-sur Borg ta spjegazzjoni tax-xogħolijiet illi hemm bzonn fil-Kunsill ħalli nimmodernizzaw il-Kunsill u biex inkunu konformi mar-regolamenti tal-OHSA. Wara diskors dettaljat dwar ix-xogħolijiet, is-sur Borg qal illi wara li ġabar l-istima għal kull tip ta' xogħol illi hemm bzonn, il-kontijiet għandom ikunu bejn €14,000 u €15,000 skond l-irħas prezzijiet li rċevejna. Dawn ma jinkludux affarijiet bħal siġġijiet u għamara oħra li se jkunu assets tal-Kunsill Lokali.
Is-Sindku qal ukoll illi l-ispejjez illi nonfqu fuq il-proġett se jħallu impatt pożittiv fuq l-investiment kapitali tal-Kunsill, cioe l-valur tal-uffiċini tagħna jekk niġu biex nbiegħu l-post.
Is-Sindku ressaq il-proposta għall-approvazzjoni. Il-kunsillier Wayne Hewitt issekondaħ. Il-Kunsill approva.

## 67.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

67.6.1 Ħaddiem ġdid: Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li hemm bzonn persuna li jkun jista jasista f'ċerti xogħolijiet. Qal illi nirċievu diversi ilmenti, anka mingħand il-kunsilliera stess, fejn ikun hemm bzonn illi persuna mill-Kunsill joħroġ u jara. B'hekk bħala amministrazzjoni nispiċċaw spiss b'nuqqas ta' impjegati la jkollu joħroġ hu jew joħroġ xi ħadd ieħor. Fakkar illi diġa hemm 2 ħaddiema li jitilqu kmieni minħabba t-tfal tagħhom u bizzejjed in-nies jidħol, u t-telefon idoqq non-stop. Żied illi dan il-persuna għandu jkun kapaċi jaħdem barra ħalli jkun t'għajnuna mall-impjegati tagħna tas-CWS, kif ukoll mall-handyman, waqt illi għandu jkollu liċenzja tal-karozza. Dan ikun jista jagħmel xogħol ta' Contracts Manager ukoll la wasalna lejn l-aħħar tal-kuntratt eżeżtenti.
Is-Sindku ppropona li nibagħtu lil ETC biex nibdew il-proċedura. Il-kunsillier Jeremy Cardona ssekkondaħ la mhux se nħallsu paga doppja għall-contracts manager.

67.6.2 Ġemellaġġ: Is-Sindku ppropona li nibdew il-proċedura biex nistabbilixxu ġemellaġġ mal-lokalita ta' Pozega ġewwa s-Serbja. Il-kunsillier issekondah. Il-Kunsill approva.

## 67.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

67.7.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

## 67.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

67.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għal- 27 ta' Novembru 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 27 ta' Novembru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |